# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 542

KAZ NRU. 663

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Violet Fletcher

u

Charme Boutique
kif rapprezentata mis-Sinjura
Terezina Portanier

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data: 11 ta' Jannar, 1994

Chairman: Is-Sur Maurice J.V. Bonello, M.B.E.

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra datata 1-1 ta' April, 1992 skond il-provvedimenti ta' l-Artiklu 28(2) ta' l-Att tal-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali.

It-Tribunal zamm hames seduti.

PRELIMINARI

L-appellanta, Violet Fletcher kienet impjegata bhala Salesgirl ma' Charme Boutique, Sliema, ghal xi tlett snin. L-impjieg taghha gie terminat b-effett mis-7 ta' Frar, 1992. Fl-istatement of case il-principal taghha, sid il-

Boutique, Terezina Portanier, sostniet illi kienet tilfet il-fiducja fiha peress illi kien hemm nuqqasijiet fl-istock taht il-kontroll ta' l-appellanta, ma kienx hemm kontroll sodisfacenti fuq l-istock, u kien hemm ukoll zbalji fl-"invoices" li kellhom jigu pprezentati lill-klijenti, li gieli sabitha rieqda fil-hanut u li mhux dejjem kienet lesta taqdi lill-klijenti fil-pront. Min-naha taghha l-appellanta cahdet illi kienet negligenti fix-xoghol taghha, u sostniet li dejjem ghamlet ix-xoghol taghha sew. Ghalhekk, hija sostniet illi tkecciet ingustament.

KONSIDERAZZJONIJIET

Irrizulta mix-xhieda illi fejn originarjament l-appellanta kienet tgawdi l-fiducja ta' Tereza Portanier, minhabba illi beda jkun hemm nuqqasijiet fl-istock, kif allegat Tereza Portanier, zbalji fl-"invoices", bil-mod il-mod din il-fiducja ntilfet ghal kollox. Tant hu hekk illi f'okkazjoni wahda, meta nqala' argument fuq nuqqasijiet fl-"istock", l-appellanta nformat lill-principal taghha li kienet lesta titlaq mill-impjieg dak il-hin stess. Tereza Portanier qaltilha biex jinsew kollox u jibdew mill-gdid. Huwa rilevanti, skond ix-xhieda ta' l-appellanta, illi veru li kien ikun hemm nuqqasijiet fl-"istock". It-Tribunal fehem illi dawn in-nuqqasijiet kienu dovuti ghal agir tal-klijenti, u m'hemm l-ebda provi illi l-appellanta personalment kienet vantaggata minn dawn in-nuqqasijiet. L-appellanta sostniet illi peress li hafna drabi kienet tkun wahidha fil-hanut, ma' setghatx toqghod ghassa ma' kull min kien hemm il-hin kollu. Irrizulta wkoll illi l-appellanta kellha ordni stretta illi ma titlax fl-"istock room" meta tkun wahidha fil-hanut.

It-Tribunal huwa ta' l-opinjoni illi, fil-kaz ta' mpjegata illi hija fdata fit-tmexxija kwazi assoluta, mis-sid tal-hanut, u mbaghad dik il-fiducja li

kellha s-sid tispicca ghal kollox, huwa difficli biex proprjetarja ta' l-affari taghha zzomm l-impjegata fl-impjieg taghha. Biex ikollha mohha kwiet, il-proprjetarja jew trid iddahhal xi hadd iehor li tkun tgawdi l-fiducja taghha, jew inkella tkun trid tiehu kollox f'idejha hi. Dan mhux kaz ta' telf ta' fiducja biss, imma ta' dissoddisfazzjoni bil-mod kif l-impjegata wettqet id-doveri taghha.

Jidher li l-appellanta kienet taf illi kienet tilfet il-fiducja tal-proprjetarja ghaliex hija stess kienet qaltilha li kienet lesta biex titlaq. L-appellanta kienet taf li kien hemm nuqqasijiet fl-"istock", kif xehdet hija stess, u kienet x'kienet is-sitwazzjoni fil-hanut, jibqa' l-fatt illi l-appellanta kienet responsabbli ghall-hanut fl-assenza tal-proprjetarja. Jidher illi l-appellanta nghatat 'warning' izjed minn darba mill-principal taghha.

Barra minn dan kollu, jibqa l-fatt illi l-appellanta kienet accettat hlas ta' Lm259.01 "in full and final settlement". Ghalkemm dawn il-flus kienu legittimament dovuti lill-appellanta ma rrizultax illi f'dak il-hin u mument hija kienet irrizervat id-dritt li tfittex lis-sid ghal kumpens oltre dawn il-flus. Dan ghamlitu wara li sarfet ic-cheque.

DECIZJONI

Ghal dan il-motiv, it-Tribunal huwa ta' l-opinjoni illi s-sinjura Portanier, la darba ma' kellhiex aktar fiducja fl-appellanta u ma kienitx soddisfatta biha iddecidiet illi ma setatx izzommha aktar fl-impjieg u ghalhekk halsitha dak li kien dovut lilha wara li tterminatilha l-impjieg. It-Tribunal mhux ta' l-opinjoni illi l-appellanta tkecciet ingustament, imma ghal raguni valida.

Ghall-finijiet tar-Regolamenti tal-1986 dwar drittijiet li jithallsu (AL 48

tal-1986) maghmula taht il-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal qieghed jintaxxa d-drittijiet tal-persuni li dehru ghall-partijiet fis-somma ta' erbghin liri Maltin (Lm40)

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol

MAURICE J.V. BONELLO
CHAIRMAN

Edwin Spiteri
SEGRETARJU

mrg